# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 2 ta' Mejju 2024**

**Rikors Revoka Nru: 29/2024**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju numru 2084/2023**

**Cast Renting Limited (C95653)**

**vs**

**Fingers S.R.L. (MI-1733579)[1]**

Ra r-rikors tas-soċjetà Fingers S.R.L. datat 9 ta' Jannar 2024[2], fejn, *ad litteram,* ġie premess u ntalab hekk:

[1] Fl-okkju hekk kif miktub fir-rikors promotur hemm indikata wkoll s-soċjetà Dino Fino Group Limited (C98378). Madanakollu emerġa ċar li dan huwa errat għaliex il-mandat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proċeduri sar biss kontra Fingers S.R.L.
[2] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

1. *Illi dan ir-rikors qed isir u jiġi ppreżentat a tenur tal-provvedimenti tal-*Artikolu 836 tal-*Kodiċi ta'* Organizzazzjoni u *Proċedura Ċivili. (Kapitolu 12);*

2. *Illi l-***mandat numru 2084/2023** *huwa pależament irritu u malizzjuż u jeżistu r-raġunijiet kontemplati fl-*Artikolu 836(1)(c), *(e) u (f);*

3. *Illi permezz ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1844/2023 BK (Dok "A") ppreżentat fit-25 ta' Settembru 2023, l-attur ezekuntant talab u ottjenja il-hrug ta' Mandat ta'* Sekwestru kawtelatorju ghas-*somma ta' €284,852 kontra s-*socjeta intimata Dino Fino Group Limited liema somma giet ddepozitata minn Bank of Valletta p.l.c. permezz ta' zewg (2) cedoli u cioe:

    a. *cedola numru 2219/2023 pprezentat minn Bank of Valletta p.l.c. fis-16 ta' Ottubru 2023 fejn gie ddepozitat l-ammont ta' €262,973.28 li flimkien ma' €3,752.60 spejjez u drittijiet ta' l-*istess cedola ffurmaw *is-somma ta' 266,725.88 (Dok B) u;*

    b. *cedola numru 2373/2023 pprezentat minn Bank of Valletta p.l.c. fit-8 ta' Novembru 2023 fejn gie ddepozitat l-ammont rimanenti ta' 21,878.72 (Dok C);*

4. *Illi stante d-depozitu ta' l-*ammont ikkawtelat fl-intier tieghu kif fuq *spjegat, fl-10 ta' November 2023 gie pprezentat* kontromandat ghal-mandat 1844/2023 BK bil-visto tal-

*kontroparti b'dana illi l-ammont depozitat permezz tac-cedoli surreferiti ghandu jibqa hekk depozitat fl-intier tieghu sakemm l-vertenza tigi deciza b'mod definittiv, liema kontromandat gie akkordat fit-13 ta' Novembru 2023;*

5. *Illi fit 2 ta' Novembru 2023 u cioe ftit qabel il-kontromandat surreferit* ***pero ferm wara l-prezentata tal-ewwel cedola numru 2219/2023 (fejn gie ddepozitat l-ammont ta' €266,725.88)*** *l-attur ezekuntant talab u ottjena il-hurg ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju iehor bin-numru* ***2084/2023****, din id-darba kontra s-socjeta intimata esponenti ghas-somma ta' €284,852.*

6. *Illi s-sorti u l-kawzali tal-mandat 1844/2023 inatavolat kontra s-socjeta intimata Dino Fino Group Limited u l-kawzali tal-mandat 2084/2023 pprezenat kontra l-intimata esponenti huma identici;*

7. *Illi ghalhekk huwa car illi l-mandat kontra s-socjeta espoenti sar in mala fede u b'abbuz lampanti tal-proceduri gudizzajarji u dan stante illi s-socjeta attrici ezekutanti kienet ben consapevoli illi fid-data tal-prezentata tal-mandat mertu ta' dan ir-rikors, kien diga gie ddepozitat l-ammont ta' €262,973.28 l-ammont gie ddepozitat* ***fis-16 ta' Ottubru 2023****. Semmai, u li kieku l-interess kien wihed genwin, l-mandat kellu jsir ghal-bilanc li kien ghadu ma giex ddepozitat u cioe l-ammont ta' €21,878.72 - illum anki dan l-ammont gie ddepozitat kif fuq spjegat.*

8. *Illi m'hemm l-ebda dubbju illi c-cedoli surreferiti u cioe 2219/2023 u 2373/2023 jikkostitwixxu garanzija xierqa ghat-*

*talbiet tas-socjeta attrici ezekutananti fir-rikors numru 480/2023 JG;*

9. *Illi kif fuq spjegat, fl-ghar ipotesi, l-ammont illi kellu jigi kkawtelat meta gie pprezentat l-mandat ta-sekwestru kawtelatorju kontra s-socjeta esponenti kien ta' €21,878 u mhux ta' €284,852 - huwa car illi t-talba tar-rikorrenti ghal-hrug tal-mandat fl-ammont ta'  €284,852 saret b'malizja u hija frivola u vessatorja bl-intiza illi jigi mfixkel l-operat esteru tas-socjeta esponenti u ghaldaqstant  jagħti lok li jiġu imposti penali fuq l-istess socjeta` attrici ezekutanti u dan ai termini tal-Artikolu 836 (8) (d) tal-kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.*

10. *Illi s-scocjeta esponenti tiggestixxi numru ta' ristoranti f-Ruma, Milan, Porto Cervo u Sardegna, u l-mandat de quo inharge bl-intiza specifika li ggib s-socjeta esponenti gharkubbtejha.*

11. *Illi il-malizzjożità fit-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat huwa car u inekwivoku stante illi s-scojeta attrici ezekutanti ppreferirt taghmel kemm jista jkun hsara lis-socjeta esponenti billi tissekwestra l-kontijiet bankarji taghha, liema kontijiet jintuzaw sabiex jithallsu l-pagi ta' l-impjegati taghha, ghax-xiri ta' l-ikel u provvisti u ghall-amminitrazzjoni tar-ristoranti taghha meta s-socjeta attrici diga kienet pratikkament kkawtelat l-pretenzjoni kollha taghha kif fuq spjegat.*

12. *Illi kif tenniet l-Onorabbli Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet al-10 ta` Awissu 2012 fl-atti tar-rikors mahluf nru* ***164/12 JRM fl-ismijiet***

***: "Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)" :***

*Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni* ***fakoltativa****. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali.* ***Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa****, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda mic-cirkostanzi maħsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgħa (4) huma ccirkostanzi maħsuba mil-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi izda bizzejjed li tirrizulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taccetta li tqis it-talba għallkundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħzel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.*

*Għal dawn il-motivi l-esponenti titlob bir-rispett illi dan il-Bord jogħġbu:*

1. *Jisma' jekk jiddirlu xieraq, u jiddeċiedi dan ir-rikors b'urġenza a tenur ta' l-Artikolu 836(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Previa kwalsiasi dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, għar-raġunijiet kollha fuq esposti, jordna r-revoka tal- Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru* ***2084/2023*** *a tenur tal-provvediment tal-paragrafu (c) u/jew (e) u/jew (f) ta' l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. *Jimponi penali fuq s-socjeta atturici ezekutanti ai termini tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. *Fin-nuqqas tar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru* ***2084/2023****, jikkundanna lis-socjeta attrici ezekutanti, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dan il-Bord, tipprovdi garanzija adegwata ghal hlas tal-penali, danni u imghax illi l-esponenti tista` tissubixxi, u fin-nuqqas li jaghmlu dan, sabiex tirrevoka l- Sekwestru Kawtelatorju Nru* ***2084/2023*** *u dana kollu, ai termini tal-provvediment ta' l-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-attur ezekutanti u b'rizerva għal kwalsiasi dritt ieħor tas-socjeta esponenti naxxenti mill-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 tal-Liġiijiet ta' Malta, inkluż dawk li jitlob danni u imgħaxijiet.*

Ra d-digriet tiegħu tal-25 ta' Jannar 2024[3].

Ra r-risposta tas-soċjetà Cast Renting Limited mressqa fit-2 ta' Frar 2024[4], fejn, *ad litteram,* hija qalet hekk:

1. *Illi s-soċjetà esponenti tibda sabiex tirrespinġi l-allegazzjonijiet kollha tas-soċjetà sekwestrata Finger's S.R.L. bħala manifestament infondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet kif kontenuti f'dak ir-rikors għandhom jiġu kollha miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha u dan għas-segwenti raġunijiet;*

2. *Illi fl-ewwel lok jiġi rilevat illi l-okkju kif indikat fir-rikors de quo agitur huwa erroneju stante li l-mandat ta' sekwetru bin-numru 2084/2023 inħareġ biss kontra s-soċjetà Finger's S.R.L. u mhux ukoll kontra Dino Fino Group Ltd;*

3. *Illi s-soċjetà esponenti tibda billi tindirizza l-allegazzjoni tas-soċjetà sekwestrata illi l-mandat ta' sekwestru odjern inħareġ b'malizja u li huwa frivolu u vessatorju. Illi s-soċjetà sekwestrata tibbaża tali konklużjoni tagħha fuq il-fatt illi nhar is-16 ta' Ottubru 2023 ġiet depożitata minn Bank sekwestratarju s-somma ta' EUR 262,973.28 f'atti ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju differenti li għandu n-numru 1844/2023 u li nħareġ kontra soċjetà differenti ossia Dino Fino Group Limited;*

4. *Illi f'dan ir-rigward, is-soċjetà esponenti tibda billi tosserva illi għalkemm jidher illi tali ċedola kienet ġiet intavolata nhar is-16 ta'*

[3] A fol 10 *et seq* tal-proċess
[4] A fol 13 tal-proċess.

*Ottubru 2023, din qatt ma kienet ġiet notifikata lilha u għalhekk qatt ma setgħat tkun taf biha. Illi b'hekk l-argument prinċipali ta' Finger's S.R.L. li l-mandat ta' sekwestru de quo nħareġ b'mod malizzjuż kontriha peress illi kien hemm parti mill-ammont ġa depożitat, hija sottomissjoni bbażata biss fuq assunzjoni ridikola peress li tali <u>ċedola qatt ma ġiet notifikata lis-soċjetà esponenti</u>;*

5. *Illi oltre dan kollu, s-soċjetà esponenti xorta tirritjeni illi għandha d-dritt illi tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha fis-sħiħ kontra s-soċjetà Finger's S.R.L. Illi jingħadd ukoll ex gratia argomenti, illi jekk kemm il-darba l-eżitu finali tal-vertenza bejn il-partijiet jirriżulta illi Finger's S.R.L. għandha tkun l-unika parti li għandha tħallas l-ispejjeż u d-danni hekk pretiżi mis-soċjetà esponenti, mela l-ammonti depożitati u kkawtelati sa issa permezz taċ-ċedoli nru. 2219/2023 u 2373/2023 hekk kif depożitati biss minn Dino Fino Group Limited, ma jkunu jiswew għalxejn stante li l-ammont ma jappartjenix lis-soċjetà Finger's S.R.L. iżda jappartjeni biss lis-soċjetà Dino Fino Group Limited;*

6. *Illi għalhekk is-soċjetà esponenti tirribadixxi illi jeżistu l-elementi kollha kif pevisti mil-liġi sabiex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern jibqa' fis-seħħ kontra Finger's S.R.L.;*

7. *Illi in obiter u għall-kull buon fini, s-soċjetà esponenti hija ferm sbalordita meta tisma' u taqra s-sottomissjonijiet tas-soċjetà Finger's S.R.L. kif kontenuti fir-rikors tagħha u cioe illi l-mandat ta' sekwestru de quo agitur allegatament inħareġ b'malizja, huwa frivolu u vessatorju u qed ifixkel l-operat tagħha. Illi dak li tonqos milli ssemmi s-soċjetà Finger's S.R.L. hu illi kienet hi stess illi inizjalment ħarġet mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-esponenti għas-somma ta'*

*€220,015 (bin-numru 757/2023 kopja hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A') u sussegwentement wara li dan l-ammont ġie kollu depożitat, kienet din l-istess soċjetà li ħarġet mandat ta' sekwestru kawtelatorju ulterjuri fuq l-istess mertu kontra l-esponenti għas-somma eżorbitanti u esaġerata ta' tlett miljuni, mija u wieħed u tmenin elf, mitejn u disgħa euro (EUR 3,181,209) kopja ta' liema qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. B'. Illi jekk hemm xi mandat ta' sekwestru kawtelatorju li sar b'mala fede u b'malizja u bl-unika skop illi jfixkel l-operat tagħha ma huwa xejn ħlief dan t-tieni mandat ta' EUR 3,181,209 maħruġ minn Finger's S.R.L u Dino Fino Group Limited kontra l-esponenti;*

8. *Illi għal dawn ir-raġunijiet kollha jingħadd illi dak pretiż u allegat mis-soċjetà sekwestrata Finger's S.R.L. fir-rikors tagħha ma huwiex minnu u għandu jiġi miċħud peress illi ma jeżistu l-ebda elementi ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 li abbażi tagħhom il-mandat ta' sekwestru de quo agitur jimmerita li jiġi revokat. Illi wisq anqas ma għandha tiġi applikata xi forma ta' penali kontra s-soċjetà esponenti stante li tali mandat inħareġ in piena osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u għalhekk jimmerita li jibqa' fis-seħħ.*

***Għaldaqstant, it-talba ta' Finger's S.R.L. għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2084/2023, għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra tagħha.***

Ra d-digriet tiegħu tas-7 ta' Marzu 2024[5], fejn wara li ra l-kontenut tar-risposta qies li r-rikors kellu jiġi appuntat għas-smigħ.

[5] A fol 19 u 20 tal-proċess.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet[6].

Ra l-atti kollha, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proċeduri (li ġie finalment allegat fit-30 ta' April 2024).

**Ikkunsidra**

Illi l-mandat ta' sekwestru li wassal għal dan ir-rikors revoka ntalab abbażi ta' kawżali li hija l-mertu ta' kawża li hija pendenti quddiem dan il-Bord kif issa mpoġġi fl-ismijiet **Cast Renting Limited vs Dino Fino Group Limited (C98378) u Fingers S.R.L. (MI-1733579)** bin-numru 480/2023. F'dik il-kawża, s-soċjetà eżekutanti qiegħda titlob *inter alia* sabiex iżżomm f'idejha d-depożitu mħallas mis-soċjetajiet eżekutati kif ukoll danni oħra riżultat ta' ksur kuntrattwali. Il-kuntratt tal-kera relattiv ġie konkluż bejn is-soċjetà eżekutanti bħala sid il-kera u s-soċjetajiet eżekutati, t-tnejn li huma bħala inkwilini.

Illi issa, permezz tal-proċeduri odjerni, s-soċjetà eżekutata qiegħda titlob it-tħassir totali tal-mandat u dan ai termini tal-artikoli 836(1)(ċ), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għar-raġunijiet hemm indikati, intalab ukoll li dan il-Bord jimponi penali ai termini tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fin-nuqqas ta' dan, il-Bord ġie mitlub ukoll sabiex jimponi l-ħruġ ta' garanzija xierqa u dan a tenur tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi magħmul dan ir-riassunt, imiss li jiġu trattati brevement l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni u l-applikazzjoni tagħhom għal-każ preżenti.

[6] Debitament traskritta u tibda a fol 24 tal-proċess.

## 1) **Prinċipji Ġenerali dwar l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Illi huwa ben risaput li l-eżami li għandu jsir fil-proċedura hawn utilizzata huwa wieħed stringenti u jitlob biss eżami *prima facie*[7]. M'huwa mħolli qatt lil xi awtorità ġudikanti li fi proċedura bħal din tidħol fil-mertu tal-kwistjoni għaliex jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda tirfes b'mod mhux għaqli fuq il-kwistjoni vera li tkun għada qiegħda tiġi dibattuta[8].

---

[7] Fost oħrajn, il-Bord jagħmel referenza għad-digriet mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Richard Ghirxi vs Perit Sean Buttigieg,** (Rik Nru: 178/2022) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' April 2022.

[8] Fost diversi, issir referenza għad-digriet fl-ismijiet **DOM Communications Ltd vs Office Group Limited**, (Rik Nru: 1183/2014) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' April 2015 fejn intqal hekk: *"Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża "Camilleri vs Govè et" deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem: "mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li tridtagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dantenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." Tqis illi fl-ambitu tal-eżami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il- proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami prima facie, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħha, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu."* Similment kien ukoll ġie deċiż fid-digriet fl-ismijiet **Joseph Camilleri *et* vs Anthony Gové *et*,** (Rik Nru: 286/2001) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' Mejju 2001 u ċioé li: "*Illi minghajr pregudizzju ghal dak premess jinghad ukoll li mid-disposizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna lezitu finali tal-kawza proprija. Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bilprocedura premessa, ovvjament ghandha thalli filgudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye*

Illi jmiss li jiġu eżaminati it-tlett sub-artikoli li tutilizza s-soċjetà eżekutanti.

2) **L-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Illi s-soċjetà eżekutata tibni l-argument tagħha taħt din il-kawżali għaliex skond hi, bil-fatt li permezz ta' mandat ta' sekwestru ieħor ġew depożitati flejjes[9], u ġie mressaq u maqbul il-ħruġ ta' kontro mandat relattiv hemm garanzija xierqa lis-soċjetà eżekutanti sejra titħallas. Dak il-mandat però però sar kontra s-soċjetà l-oħra intimata mas-soċjetà' eżekutata fil-proċeduri fil-mertu msemmija aktar qabel.

Illi huwa magħruf u aċċettat li sabiex garanzija titqies bħala waħda tajba, ai fini ta' din il-kawżali, dik l-istess garanzija trid tkun emerġenti minn assi jew flus tal-istess persuna hekk eżekutata[10]. Għalhekk dik il-garanzija trid tkun ġejja minn assi appartenteni u disponibbli lill-eżekutat u ħierġa mill-patrimonju tiegħu (u mhux ta' xi terz[11]). Il-garanzija trid tkun waħda soda, ċara u li tista' tiġi utilizzata mill-eżekutanti[12].

---

*Engineering Co. Ltd" P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)."*

[9] Dak fl-ismijiet **Cast Renting Limited vs Dino Fino Group Limited,** Mandat Nru: 1844/2023) maħruġ fil-2 5 ta' Settembru 2023, a fol 4 tal-proċess.

[10] F'dan is-sens issir referenza għad-digriet fil-proċeduri fl-ismijiet **Paul Caruana vs Rudolph Gaerty,** (Rik Nru: 862/2004) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-1 ta' Settembru 2009. Bl-istess mod, ingħad hekk fid-digriet mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Helen Demicoli vs Kuraturi Deputati *noe*,** (Rik Nru: 233/2014) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta' April 2014 fejn ġie ribadit hekk: *"Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għallpretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(ċ) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan listess persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor".".*

[11] Fost oħrajn, il-Bord jagħmel referenza għalll-provvediment fl-ismijiet **Chain Services Limited vs Leo Micallef *et*,** (Rik Nru: 930/2009) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ottubru 2009.

[12] Għal rakkolta ġurisprudenzjali ġmiela dwar dan, il-Bord jagħmel referenza għad-digriet mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Mark Alexander Bugeja vs ARCStudio Limited *et*,** (Rik Nru: 69/22) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Marzu 2022.

Illi rispettosament, u dan li sejjer issa jingħad jgħodd ukoll għall-kawżali l-oħra li jifformaw il-bażi tar-rikors hawn issa deċiż, dan il-Bord ma jistax jifhem kif is-soċjetà eżekutata qiegħda tgħid li hemm garanzija oħra xierqa. Tassew, il-fatt li ġew depożitati flus mill-intimata l-oħra fil-proċeduri fil-mertu (Dino Fino Group Limited) bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala raġuni siewja taħt din il-kawżali, għaliex ma ntweriex b'liema mod dan huwa ġid li jappartjeni lis-soċjetà eżekutata. F'dan il-każ inħarġu żewġ mandati kontra żewġ allegati debituri, għaliex, kif tajjeb ġie ritenut mis-soċjetà eżekutanti, fil-proċeduri fil-mertu qiegħed jintalab l-ammont miż-żewġ soċjetajiet. Li kieku sar mandat wieħed kontra ż-żewġ allegati debituri, dan l-argument kien ikun żbaljat ukoll. Eżempju ta' sitwazzjoni simili ġiet mistħarrġa mil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Bonnici Bros Ltd vs Mosta Football Club *et*[13],** fejn ġie raġunat u deċiż hekk:

*Illi fi proċedura bħal din, fejn il-parti eżekutanti tressaq Mandat kawtelatorju kontra aktar minn debitur intimat wieħed, il-Qorti hija tal-fehma li kull wieħed mill-imsemmija partijiet eżekutati trid tagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-eżekutant fil-Mandat li jkun u t-tressiq tal-garanzija xierqa minn waħda biss mill-partijiet intimati ma sservix biex jinħelsu l-intimati l-oħrajn fir-rabta li jridu jagħtu biex jikkawtelaw il-pretensjonijiet tal-eżekutant f'dak il-Mandat. Dak li mhux imħolli li jsir hu li fir-rigward ta' parti waħda intimata f'Mandat, jinżammu minn aktar minn sekwestratarju wieħed assi u ġid li, magħduda flimkien, ikunu jisbqu l-ammont sħiħ pretiż mill-eżekutant fil-Mandat;*

*Illi, minbarra dan, fil-kawża li l-Qorti għandha quddiemha mibdija mill-eżekutanti u li dwar il-pretensjonijiet tagħha fiha hija talbet il-ħruġ tal-*

[13] Rikors Numru: 55/2013 mogħti nhar il-14 ta' Awwissu 2013.

*Mandat mertu tal-każ, joħroġ li l-kumpannija attriċi tippretendi li kull waħda miż-żewġ partijiet imħarrkin (iż-żewġ eżekutati) huma debituri tagħha u dan ifisser li jekk kemm-il darba t-talba tagħha tintalqa' kontra Mosta Football Club u mhux kontra l-Kunsill eżekutat, allura dan ikun ifisser li l-ġid sekwestrat u depożitat taħt l-awtorita' tal-Qorti ma jkunx jista' jintuża mill-eżekutanti bi ħlas tal-pretensjonijiet tagħha, imma jkun jista' jintradd minnufih lill-imsemmi Kunsill eżekutat u l-kumpannija attriċi rebbieħa tibqa' bla garanzija; Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tqis li tħassar il-Mandat fuq il-kawżali msemmija;*

*Illi għalhekk, il-Qorti ssib li ma ntwerietx raġuni tajba biżżejjed biex tqis li tħassar il-Mandat fuq il-kawżali msemmija;*

Illi f'dan il-każ, l-ammont depożitat ġie hekk imressaq mis-soċjetà eżekutata oħra (l-intimata l-oħra fil-proċeduri fil-mertu), u allura minn ġid ħaddieħor. Wara kollox, minn imkien ma ntwera li bis-saħħa ta' dan il-mandat, ġew sekwestrati xi flus appartenenti lilha[14]. B'hekk is-soċjetà eżekutanti m'hijiex ben kawtelata bil-ħruġ tal-ewwel mandat għaliex jekk tispiċċa rebbieħa fil-kawża fil-mertu kontra s-soċjetà eżekutata biss (u mhux kontra Dino Fino Group Limited) ma tkunx tista' ddur fuq l-istess għal-ħlas.

---

[14] F'dan is-sens issir referenza għall-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Ryan John Farrugia vs Olive Gardens Investments Limited *et.*** (Rik Nru: 780/2012) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Settembru 2012 fejn b'riġett t'argument li kien sar depożitu minn uħud mis-sekwestrati, ingħad hekk: *"Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant; Illi minn dak li joħroġ mill-atti, ma ntweriex li l-eżekutata seħħilha twettaq dan l-obbligu. Għall-kuntrarju, intwera li s-somma depożitata kienet tagħmel mill-ġid ta' parti eżekutata oħra u mhux minn ġidha; Illi għalhekk, il-Qorti ssib li lanqas fuq din il-kawżali ma ntweriet raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat"*

Illi għalhekk il-Bord isib li m'għandux jilqa' t-talba għat-tħassir tal-mandat aħt dan l-artikolu.

### 3) **<u>L-Artikolu 836(1)(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.</u>**

Illi dak li ngħad hawn fuq jgħodd *mutatis mutandis* anke taħt din il-kawżali. Biżżejjed jingħad li s-soċjetà eżekutata naqset milli tindika liema hija l-garanzija li dan il-Bord għandu jqis huwa biżżejjed. Jekk l-argument, kif jidher, huwa mibni fuq l-ewwel kawżali, allura għar-raġunijiet hemm mogħtija anke din il-kawżali hija destinata li tfalli[15].

Illi għalhekk il-Bord anke din ir-raġuni għat-tħassir tal-mandat qiegħda tiġi miċħuda.

### 4) **<u>L-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.</u>**

Illi jingħad li din il-kawżali tidħol fix-xena jekk iċ-ċirkostanzi li jkunu wasslu għall-ħruġ tal-att kawtelatorju jkunu inbiddlu b'tali mod li ma jkunx aktar xieraq li dak il-mandat jibqá jorbot l-eżekutat[16]. Dan il-bdil għandu jolqot iċ-ċirkostanzi tal-partijiet bejniethom u mhux lejn terzi[17].

---

[15] Hekk ġie ġustament ritenut fil-provvediment fl-ismijiet **<u>Francis Spiteri *et* vs Charles Darmanin *et*,</u>** (Rik Nru: 571/2010) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta' Awissu 2010.

[16] Kif tajjeb imfissier fid-digriet fil-proċeduri bl-ismijiet **<u>Ivan John Debono vs Antoine Vella,</u>** (Rik Nru: 698/2020) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Jannar 2021: "*Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ . Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ"*

[17] Fid-digriet fl-ismijiet **<u>Angela Busuttil Naudi vs Stephen Busuttil Naudi</u>**, (Rik Nru: 255/2006) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Awwissu 2009 intqal hekk: *"Illi madankollu, taħt din id-dispożizzjoni wkoll, jidher li l-bdil li għalih japplika dak is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet. Jekk isseħħ ċirkostanza*

Illi l-Bord ikollu jistqarr li kemm mir-rikors promotur u kif ukoll mit-trattazzjoni finali, ma ngħatalu l-ebda prova li wara l-ħruġ tal-mandat kien hemm xi ċirkostanza li nbidlet. Minn dak li seta' jifhem il-Bord, l-argument tas-soċjetà eżekutata huwa li dan il-mandat qiegħed jirrekala diżaġġju fl-operat tagħha barra minn xtutna. Rispettosament, għal dan il-Bord tali raġunament qajla jakkampa ma din il-kawżali. Huwa dejjem mistenni li min jinħareġ att kawtelatorju kontrih ibati xi forma ta' preġudizzju, iżda dan waħdu ma jfissirx li l-mandat ma setax jinħareġ jew li m'għandux jibqá fis-seħħ[18].

Illi billi s-soċjetà eżekutata ma seħħilhiex turi xi ċirkostanza li nbidlet wara l-ħruġ tal-mandat, dan il-Bord iqis li ma jistax jakkolji t-talba hawn magħmula taħt din il-kawżali. Jerġa jingħad, il-fatt li hemm sekwestru ieħor kontra terz dwar l-ammont mitlub, m'hijiex raġuni suffiċjenti.

Illi għalhekk t-talba tas-soċjetà eżekutata anke hawnhekk ma tistax tintlaqa'.

5) **Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Illi ġaladarba il-Bord qiegħed isib li l-ħruġ ta' dan il-mandat kien u għadu wieħed ġustifikat, huwa bil-wisq ċar li t-talba għal-impożizzjoni ta' penali m'hijiex flokha. Ċertament, ma jistax jingħad li dan il-mandat inħareġ b'maliżżja, b'mod frivolu jew vessatorju[19].

---

*bejn xi waħda mill-partijiet u terzi, l-effetti tal-Mandat m'għandhomx jolqtu lill-parti l-oħra, l-iżjed jekk din tkun il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-Mandat b'ħarsien ta' jedd pretiż".* Hekk ukoll ġie mfakkar fid-digriet fl-ismijiet **Hector Cilia vs Rebekah Ann Cilia**, (Rik Nru: 142/2022) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Marzu 2022.

[18] Fid-digriet fl-ismijiet **Bruno Romano vs Blaschem (Malta) Limited,** (Rik Nru: 1906/2001/1) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Lulju 2003 intqal hekk: *"Din il-ħsara ma tistax madankollu tkun ir-raġuni biex il-Mandat jitneħħa. Kieku l-liġi kellha titfisser b'dan il-mod, l-ebda Mandat effettiv ma jibqa' fis-seħħ ladarba jiġi muri li l-parti intimata f'dak il-Mandat tkun qegħda tbati."*

[19] F'dan is-sens issir referenza fl-ismijiet **LK LIMITED ZEBBUG MALTA vs Adrian Zammit,** (Rik Nru: 740/2010) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Settembru

Illi għalhekk anke din it-talba qiegħda tiġi respinta.

## 6) <u>L-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.</u>

Illi b'mod alternattiv, fl-aħħar talba tagħha, s-soċjetà eżekutata trid li dan il-Bord jordna lis-soċjetà eżekutanti sabiex din tagħti garanzija għall-ħlas ta' penali li tista' tiġi mposta, u danni u imgħax.

Illi m'hemmx għalfejn jingħad fit-tul li talba simili hija alternattiva għat-tħassir tal-mandat, tant li jekk il-mandat ikun tneħħa taħt xi kawżali oħra tal-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jkun hemm l-ebda lok aktar għal din l-impożizzjoni[20].

---

2010 fejn intqal hekk: *"Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni minħabba l-istess Mandat";* F'dak id-digriet, saret referenza wkoll għad-digriet fl-ismijiet **<u>Emanuel Sammut *et* vs Josephine Sammut,</u>** (Rik Nru: 716/2002) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Ġunju 2003 fejn, għalkemm l-effetti ta' dak il-mandat kienu ġew limitati, l-Qorti xorta qieset hekk: *"Jibqa', pero', l-fatt li dan il-Mandat ta' Sekwestru mahrug mill-intimati mhux ser jigi revokat in toto ghax jista' jkun li, 'l quddiem, iservi l-iskop indikat. Il-hrug tal-Mandat, ghalhekk, ma jistax jinghad li kien ghal kollox frivoli, ghax jista' jkun li l-intimati jsofru danni b'rizultat tal-Mandat ta' Qbid mahrug mir-rikorrenti, liema mandat ghadu jrid jigi ezaminat gudizzjarjament".* Wieħed huwa wkoll mistieden jara dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>Avukat Dottor James Scerri Worley *et* vs Zorin Properties Limited *et,*</u>** (Rik Nru: 1156/2021) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-14 ta' Diċembru 2021.

[20] F'dan is-sens, fost diversi issir referenza għal-provvediment fl-ismijiet **<u>Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd,</u>** (Rik Nru: 812/00) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Mejju 2002 fejn ġie ritenut hekk: *"Illi mela allura minn dan jidher car li l-applikazzjoni tal-artikolu 838 A tipresopponi l-ezistenza tal-istess att kawtelatorju, ghaliex it-tnehhija tieghu hija l-unika sanzjoni moghtija mill-ligi fl-istess artikolu fl-eventwalita' li l-garanzija ordnata ma tigix prezentata kif u fit-terminu ordnat mill-Qorti*". Pensament dan li baqa' jiġi kemm il-darba imħaddan mill-Qrati tagħna. Hekk per eżempju ssir referenza għad-digriet fl-ismijiet **<u>Edward Vella vs Charles Deguara,</u>** (Rik 1111/2012) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-21 ta' Diċembru 2012 fejn ġie mfakkar hekk: *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ. Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn";*

Illi lura għal-każ tagħna, minn qari tar-rikors jemerġi ċar lis-soċjetà eżekutata ma ssemmi bl-ebda mod x'dannu hija sofriet b'dan il-mandat. Tassew, jidher li din it-talba hija mibnija fuq il-kawżali hawn fuq deċiżi milli fuq xi bażi oħra u s-soċjetà eżekutata sempliċiment żiedet din it-talba *in calce*. Fil-veritá jidher li l-uniku raġunament għal darba oħra huwa sempliċiment il-fatt li kien ġie intavolat il-mandat. Dan huwa ferm il-bogħod mill-kawża ġusta li trid il-liġi[21]. Minn imkien però s-soċjetà eżekutanti seħħilha turi li hija ġarrbet xi dannu propju kawża ta' dan il-mandat[22]. Il-fatt waħdu li l-ammont ikkawtelat huwa wieħed sostanzjali[23] (f'dan il-każ fl-ammont ta' €284,852) ma jfissirx li trid tingħata l-garanzija mitluba[24]. Kien l-oneru tas-soċjetà eżekutata i li tipprova b'mod sodisfaċenti raġunijiet ferm aktar gravi u impellenti sabiex dan il-Bord jasal jimponi garanzija xierqa[25]. Kif intqal, s-soċjetà sekwestrata naqset milli turi l-

---

[21] Illi fid-digriet fl-ismijiet **Portem Brew and Leisure Ventures Limited vs DAAA Haus Limited,** (Rik Nru: 848/2018) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-4 ta' Ottubru 2018 ġie mfakkar hekk: "*Illi l-fatt li nħareġ mandat kawtelatorju kontra l-eżekutata mhux biżżejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt waħdu mhux il-kawża ġusta li trid il-Liġi. Li kieku kien hekk, il-Liġi kienet tgħid li kull min inħareġ mandat kontra tiegħu għandu jingħata garanzija, iżda l-liġi trid ukoll, barra l-ħruġ tal-mandat, li jkun hemm kawża ġusta. Mhux biżżejjed li eventwalment jista' jirriżulta li l-eżekutant ma jiħux raġun fil-mertu. Irid ikun hemm abbuż mill-proċedura ġudizzjarja, li jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li x'aktarx jintrabtu malqerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha. "Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li eżerċizzju ta' dritt ma jista qatt iwassal għar-responsabbilta' għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mil-liġi.*"

[22] Fid-digriet fl-ismijiet **Avukat Vincent Falzon *noe* vs Alexander Sullivan,** (Rik Nru: 2409/2000/1) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 ta' Marzu 2001 ġie ritenut hekk: *"Hu car li l-provedimenti ta' dan l-artikolu jirreferu ghal danni li jistgu jkunu dovuti wara u minhabba l-hrug ta' att kawtelatorju. Hu zgur li dawn il-provedimenti ma jirreferux ghal kull dannu in generali."*

[23] Tajjeb jingħad hawnhekk li ma saritx talba ai termini tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[24] Issir referenza għal dak enunċjat fid-digriet fl-Ismijiet **Volksbank Malta Limited vs Geosys Limited *et*,** (Rik Nru: 960/2012) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Lulju 2013 u ċioé li *"Huwa minnu li kull mandat iġib miegħu tfixkil lill-parti intimata u x'aktarx disaġju wkoll, imma dan m'huwiex, waħdu, kejl ta' "raġuni tajba" biex tintalab il-garanzija. Li kellu jkun hekk, kull darba li jinħareġ mandat trid tingħata l-garanzija. Din ma kenitx il-fehma tal-leġislatur".*

[25] Fid-digriet fl-ismijiet **Charles Darmanin *et* vs Albert Cachia *et*,** (Rik Nru: 267/2007) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Lulju 2007, ġie mfisser hekk : *"Lanqas ma jidher li huwa biżżejjed biex jikkostitwixxi "kawża ġusta" għall-finijiet tal-artikolu 838A*

allegati danni direttament marbuta mal-ħruġ tal-mandat, danni li jistgħu jiġu likwidati u mhux msemmija b'mod astratt[26].

Illi bil-fatt li ma ntweritx il-kawza ġusta meħtieġa, dan il-Bord isib li ma jistax jakkolji din it-talba alternattiva u għalhekk qiegħed jiċħad l-istess.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi filwaqt li jastjeni milli jqis aktar l-ewwel talba fid-dawl tad-digriet tiegħu tas-7 ta' Marzu 2024, jiċħad it-talbiet kollha mressqa mis-soċjetà eżekutata.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetà Fingers S.R.L.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

*il-fatt li persuna li kontriha jkun inħareġ Mandat kawtelatorju tkun qegħda ġġarrab danni minħabba dak il-Mandat. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili".*

[26] Issir referenza għad-digriet fil-proċeduri bl-ismijiet **Gerald Buhagiar *et* vs Mary Anne Axisa,** (Rik Nru: 418/2022) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Ġunju 2022.